MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 106/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Ruben Grech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ruben Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 185174(M).

Akkuzat talli:
Fil-11 ta’ Settembru 2008, u fil-jiem u gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew

certifikat falz, ai termini tal-Artikoli **42(a),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu **188** tal-Kodici Krminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-Artikolu **108** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvediment tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Il-Qorti giet mitluba wkoll, sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 43, 185(2) u 121A(1) li huma assorbiti fl-Artikoli 188, 108(1)(a) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Ruben Grech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghar-raba' akkuza qed tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) u ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza qed tikkundannah multa ta' sitt mitt Ewro (€600). Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------